# KUNSILL LOKALI – L-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt

Minuti tad-disgħin (90) laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM), li nżammet nhar il-31 ta' Jannar 2012, fis-6:15pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Il-kunsillieri preżenti skużaw lid-Deputat Sindku Charles Farrugia kif ukoll lill-Kunsillier Paul Spiteri li ma setgħux jattendu din is-seduta għal raġunijiet diversi.

2. Is-sindku ppresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

3. Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu meħuda bħala moqrija u ġew approvati u ffirmati mingħajr l-ebda korrezzjoni.

4. Fil-punti mill-minuti s-sindku tkellem fuq ix-xogħlijiet ta' Triq il-Fjuri u l-isqaqien kif ukoll fuq ix-xogħlijiet ta' Sqaq il-Blanzuni. Is-segretarju eżekuttiv qal illi r-refużjoni mill-*MEPA* mill-Fond għat-Titjib Urban (*UIF*) għadhom pendenti għaliex il-KLM għad m'għandux il-kontijiet tal-kuntrattur minkejja li hu kien imqabbad jiffirma ċ-ċekkijiet fuq l-irċevuti li ġew għandna ftit tal-jiem wara. Hu qal illi l-*MEPA*, kif kien mistenni, ma jissodisfawhiex biss iċ-ċertifikazzjoni tal-perit minkejja li dan ikun jinkludi *BOQ* dettaljat, iżda l-propja kont tal-kuntrattur. Minn naħa tagħna avżajna lill-kuntrattur *Asfaltar Ltd* sabiex jgħaddi l-kontijiet li għad hemm pendenti fosthom ta' xogħlijiet li saru matul is-sajf li għadda fl-isqaqien ta' Triq il-Parroċċa.

5. Dwar l-istimi tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (KSI) fuq xogħlijiet ta' trinek, tal-mejn u s-servizzi tal-ilma tar-residenti li sar f'diversi toroq u li preżentement qed isiru mill-ġdid fi Triq is-Saljatura, Triq iż-Żurrieq eċċ, is-segretarju eżekuttiv qabel mas-sindku li l-ftehim preżenti huwa illi dak imsejjaħ *civil works* (fattura), aħna fl-obbligu li nħallsuh bħala KLM minkejja li l-materjal ikun provdut mill-KSI stess mingħajr obbligu. Is-sindku qal li bħal issa beda x-xogħol fi Triq is-Saljatura u l-ħaddiema ta' *Asfaltar Ltd* qed jgħaddu s-servizzi tad-djar tal-ilma. Dan filwaqt li s-sindku ordna li jsir *survey* biex inkunu korretti fil-livelli billi niddejvjaw l-ilma tax-xita minn Triq iż-Żurrieq, *cioè* biex dak l-ilma li jaqa' fl-inħawi ta' Triq is-Saljatura jibqa' sejjer fi Triq Ħal Kirkop.

6. F'punti oħra, is-segretarju eżekuttiv semma t-trinka li hemm bżonn titħaffer mill-kuntrattur *Rennel Construction Ltd* propju fejn il-bieb tal-berġa tal-gvern fuq tarmak relattivament ġdid. Hu qal li ħareġ il-permess minħabba l-fatt li din hija infrastruttura mill-*GO plc* sabiex ikunu jistgħu jaħdmu l-*interactive white boards* fl-Iskola Primarja tal-Imqabba u għalhekk importanti ħafna.

7. Issemma x-xogħol fi Sqaq Numru 1 fi Triq Santa Katerina. Is-sindku qal li dan hu mistenni li jsir fil-jiem li ġejjin minkejja li s'issa m'għandniex stima u lanqas kien fil-lista tat-toroq tal-gvern ċentrali. Il-kunsillieri approvaw dan ix-xogħol fil-laqgħa preċedenti.

8. Is-sindku qal li hu flimkien mal-kuntrattur li ħa l-offerta tax-xogħlijiet fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti, *Barbros Ltd.*, iltaqgħu ma' uffiċjali ta' *Heritage Malta* biex jikkordinaw ix-xogħlijiet viċin il-Katakombi tal-Mentna. Hawn il-kunsillieri saru jafu illi l-kuntrattur tal-KLM se jħallas għal persuna *ad hoc* ta' *Heritage Malta* biex jissorvelja t-tħaffir. Dan l-uffiċjal se jkun *on-site*

il-ħin kollu sabiex ikun assigurat illi ma ssir l-ebda ħsara lil dan is-sit storiku importanti skedat taħt grad numru 1 mill-*MEPA*.

9. Is-sindku kompla jinforma lill-kunsillieri illi għada se jiltaqgħu huwa u l-kuntrattur mal-persuna assenjata minn dan il-*monitoring* ta' *Heritage Malta*, biex jindikawlu fejn se jsir it-tħaffir ħalli jgħaddu l-*wires* li se jissuplixxu l-*cabinet* għal *closed circuit tv*. Hu qal illi saret ukoll laqgħa oħra ma' uffiċjali tal-agrikultura biex ikun definit liema huma s-siġar li se jinqalgħu mil-post u liema huma dawk li se jibqgħu hemm, minħabba l-importanza tagħhom. Dwar is-siġar, is-sindku qal li qed nistennew il-kont tal-*ELC* talli nqalgħu s-siġar minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, kif kien miftiehem f'dawn l-aħħar xhur u mniżżel fil-minuti tal-laqgħat ta' dan il-kunsill.

10. Grace Marie Mallia staqsiet dwar l-iżviluppi li saru fil-kuntest tal-laqgħa li kellu l-KLM diversi xhur ilu mal-Kumitat ta' Kurazija fejn il-KLM kien wera x-xewqa illi jkollu l-imfietaħ għall-Katakombi tal-Mentna. Hawn is-segretarju eżekuttiv qal illi ma kien hemm l-ebda żvilupp pożittiv dwar dan u s-sindku qal illi bi qbil mal-kunsillieri nistgħu nitolbu laqgħa ma' *Heritage Malta* billi nistiedu li Ms Sue Depasquale waqt laqgħa tal-KLM ħalli l-kunsillieri jkollhom l-opportunità li jagħmlu d-domandi huma stess direttament. Intant is-segretarju eżekuttiv kien tal-ideja li sabiex niffrankaw xi ħaġa tal-flus, nitolbu lil *Destinations Malta* jiffilmjaw l-istess katakombi waqt iż-żjara li se jagħmlu fostna l-AŻAD fil-jiem li ġejjin fejn minbarra li se jinżlu fil-katakombi, dawn se jiġu l-Isptar il-Qadim u jidħlu wkoll f'xi kappelli tal-Parroċċa tagħna. Biex dawn ikunu jistgħu iżuru l-istess katakombi, *Heritage Malta* qed titlob €20 biex jiftħuh għal nofs siegħa. Intant kien deċiż illi s-segretarju eżekuttiv se jitlob €2 biex l-AŻAD jingħatalhom kafe u pasta mill-KLM. Is-segretarju eżekuttiv fakkar fil-mawra li se ssir mill-*Malta Council for Culture and Arts (MCCAA)* ta' nhar il-Ħadd, 5 ta' Frar 2011, fejn numru konsiderevoli ta' Maltin se tingħatalhom l-opportunità għall-ewwel darba illi jidħlu fl-Isptar il-Qadim. Din se tkun ko-ordinata mill-uffiċċju muniċipali.

AĠENDA

11. L-evalwazzjoni dwar l-andament tal-laqgħa pubblika kien diskuss f'dan il-waqt u Grace Marie Mallia qalet illi minkejja li krejna t-tinda, in-nies xorta ma ġewx. Hija qalet ukoll jekk hux lok li inbiddlu l-ħin u forsi anke l-ġurnata. Hawn is-Sindku qal li kull min ġie, kellu interess personali, filwaqt li kompla jgħid illi kull min għandu xi lment mhux lest li joqgħod jistenna sal-laqgħa pubblika, għaliex dan malajr iċempel jew jiġi l-uffiċċju biex isemma' leħnu. Hu qal illi l-aspettazzjoni tal-KLM dwar il-konkorrenza, m'għandhomx ikunu esaġerati għaliex inkella ma' nkunux realistiċi. Noel Galea qal illi n-nies jiġu biss jekk fir-raħal ikun hemm *issue* partikulari.

12. Grace Marie Mallia qalet illi hija qed tinkwieta għaliex waqt din il-laqgħa pubblika issemma illi t-toroq qed isiru bl-addoċċ u hemm l-*issue* tal-perit xi rridu niċċaraw. Noel Galea qal illi 'l Wenzu Camilleri biss sema' jgħid dan waqt il-laqgħa pubblika, filwaqt illi huwa veru illi l-perit għandu *management fee* biex jissorvelja. Dwar l-ordnijiet tal-*major patching* li saru dan l-aħħar hu qal illi l-kuntrattur ħa l-ordnijiet għal dan ix-xogħol bil-fomm minn għandu u fil-postijiet li indikalu huwa stess. Dawn il-postijiet kienu għall-attenzjoni ta' kulħadd minħabba li jew kien u jakkumulaw għadajjar kbar, inkella kienu fejn saru tiswijiet mill-*WSC* u aħna għandna obbligu li nasfaltawhom bil-*hot asphalt* mal-ewwel opportunità. Parti mill-ħlas tagħhom ser jiġi rifondut lilna mill-*WSC*. Dwar l-invellar tat-toroq biex ma' joqgħodx ilma tax-xita fihom, il-kuntrattur kien imġiegħel jaqla' l-postijiet indikati mis-sindku u dawn saru għas-spejjeż tiegħu, xi ħaġa li Wenzu Camilleri jew ma fehemx jew ma riedx jifhem. Dwar il-kumment li kien hemm min ma waslulux il-*flyers* bl-istedina tal-laqgħa pubblika Noel Galea qal li hu ċempel lil Toni Spiteri, tal-*IPSL* u dan qallu li qassamhom lil kulħadd. Dwar l-ilment ta' Wenzu Camilleri biex nestendu l-bankina sa Triq is-Siġġiewi, Nicholas Briffa ssuġġerixxa li biex insolvu din il-problema, għandna nagħmlu laqgħa mas-sidien tal-garages.

13. Dwar il-*quiz* li kien ippjanat għall-ħabta tal-karnival, Grace Marie Mallia irreferiet lill-kunsillieri għall-*e-mail* li bagħtitilha l-Kap tal-Iskola illi f'dak iż-żmien mhux se jkun il-mument addattat. Għaldaqstant dan issa reġa' ġie pospost għal ġurnata aktar tard.

14. Dwar il-ftuħ tal-uffiċċju tal-KLM is-sindku semma l-*e-mail* bil-proposti tal-Uffiċjal Eżekuttiv, Valerie Galea, fejn irrefera għar-residenti; illi dawn kien qed jiġi ssuġġerit illi jċemplu mill-*intercom* filwaqt li hija tinżel taqdihom mill-uffiċċju t'isfel. Suġġeriment ieħor ta' Valerie Galea kien illi jinbidlu l-ħinijiet tal-ftuħ tal-librerija pubblika biex din tibda tinfetaħ aktar tard. Noel Galea qal li dawk il-ħinijiet tal-ftuħ proposti minn Valerie Galea mhumix konvenjenti għat-tfal u dawn imorru kontra l-*agreement* li hemm iffirmat bejn il-KLM u l-Iskola Primarja. Hu qal li aħna rridu li l-ġenituri tingħatalhom l-opportunità illi jibdlu l-kotba wkoll filwaqt illi l-ħin propost, min-nofs siegħa sat-3:30pm, mhux se jkun addattat. Is-sindku qal illi b'din il-proposta fil-*customer care office*, Valerie se jkollha ħafna skariġġ, filwaqt li għandna nippruvaw dak li qed tgħid Valerie Galea. Madankollu jekk se jkun hemm diffikultà, allura Valerie Galea għandha tinżel isfel. Grace Marie Mallia staqsiet x'qed isir isfel meta jkun hemm Mersia Mackay u din ma jkolliex residenti, għaliex skond l-e-mail li bagħtet Valerie Galea aktar kmieni, din se jkollha ħafna ħin liberu. Hawn is-segretarju eżekuttiv qal illi din ikollha l-korrispondenza x'tirreġistra. Madankollu Grace Marie Mallia saħqet illi għandna nieħdu *sample* ta' ġimgħatejn xogħol u ssir evalwazzjoni fuqu.

15. Is-sindku semma wkoll il-minuti tal-laqgħat tal-kunsill li jkunu approvati. Hu qal li dawn fl-aħħar tax-xahar iridu jintbagħtu lill-għaqdiet tar-raħal mingħajr ħlas, kif kien isir qabel. Madankollu Grace Marie Mallia qalet illi dan xogħol u spejjeż żejda meta aħna nistgħu ninfurmawhom billi dawn qed ikunu *on-line* fuq is-sit uffiċjali www.lc.gov.mt u nistgħu ukoll nibgħatuhom b'e-mail; jekk xejn niffrankaw l-istampar il-karta u l-posta. Għaldaqstant kien hemm qbil illi mil-lum 'il quddiem dawn jibdew jintbagħtu *soft copy* fil-format *pdf* lil dawn l-għaqdiet filwaqt li ninfurmawhom li jinsabu *on-line*. Se tkun riferuta din l-*e-mail* għad-deċiżjoni meħuda f'din il-laqgħa tal-KLM f'dan is-sens.

16. Il-*bus stop* li nqala' mill-KLM minn Triq il-Madonna tal-Ġilju, fuq suġġeriment tas-sindku, qajjem xi diffikultajiet fil-post li fih reġa' twaħħal – xi ħaġa li ma kienetx prevista minn qabel. Is-sindku qal li wara li ddiskuta din l-*issue* mal-uffiċjali tal-Każin tal-Futbol peress li kienu huma li oġġezzjonaw, inħass li dawn ħarġu b'punti validi li kienu jikkonċernaw is-sigurtà tat-tfal. B'hekk treġġa' kollox lura fejn kien qabel. Noel Galea qal li fil-post li kien tressaq mill-KLM, x'ħin ikun hemm tal-linja, kien jista' jinħoloq periklu għal min jaqsam, xi ħaġa li ma kienx antiċipaha. Infatti se terġa' ssir ir-*road marking* 'żigużajk' mal-art ħalli s-sewwieqa jgħaddu aktar b'attenzjoni minn fuq iż-*zebra crossing*, filwaqt li se jitpoġġew sinjali ta' tfal jaqsmu t-triq. Intant is-segretarju eżekuttiv kien awtorizzat jordna li jsiru d-*drawings* neċessarji sabiex tiġi sottomessa d-*Development Notice Order (DNO)* mill-Perit Bezzina lill-*MEPA* biex nipproċedu bir-relokazzjoni ta' *bus shelter* minn fuq il-Mentna għal Triq il-Madonna tal-Ġilju, liema xogħol se jkun jikkonsisti fi tkabbir ta' bankini.

17. Kien ikkunsidrat it-tieni *draft* tal-*budget* issa bl-allokazzjoni tal-gvern ċentrali skond kif kien imħabbar wara li kien sottomess lill-kunsillieri l-ewwel *draft* b'allokazzjoni tal-gvern ċentrali mhux reali (qabel ma din kienet għad-dispożizzjoni tagħna). Il-KLM filwaqt li ħass li ma jkunx ġust illi fin-nuqqas ta' żewġ kunsillieri japprova f'dan il-waqt il-*budget 2012*, għamel evalwazzjoni tal-estimi finanzjarji kif preżentati mis-segretarju eżekuttiv, bil-għan illi dan jiġi approvat fis-seduta li jmiss ta' dan il-KLM.

18. Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 429 u kopja tal-lista tal-korrispondenza flimkien ma' dik tal-ilmenti kienet ukoll impoġġija fil-garżella tal-kunsillieri biex ikunu infurmati b'dan kollu, u għall-benefiċċju ta' dawk li riedu jaraw l-istess korrispondenza, din kienet tinsab enumerata fuq il-mejda tal-kamra.

19. Dwar iż-żieda tal-isem ta' Ms Josephine Farrugia, li ħadet l-unur Ġieħ l-Imqabba 2011 f'Ottubru 2011, li s-segretarju eżekuttiv kien awtorizzat jagħmel fuq l-iskrizzjoni li hemm tal-majka tal-Isptar il-Qadim, intqal li l-*lettering* ta' persuni oħra kien ċeda għall-qilla tax-xemx u għalhekk *AS Supplies* kienu mitluba jiġu fil-post u jagħtuna l-aħjar parir ta' x'għandu jsir flok qbadna u qlajniha u morna biha n-Naxxar u ordnajna x-xogħol.

20. Noel Galea semma x-xewqa ta' persuna li xtaqet torganizza lezzjonijiet fil-*kick boxing* u korsijiet lill-bdiewa. Il-kunsillieri ma kellhomx oġġezzjoni filwaqt li s-segretarju eżekuttiv talab sabiex din il-persuna tippreżenta l-kwalifiki tagħha u tagħti d-dettalji tal-korsijet f'dak li huwa ħin, pagament (biex naraw li aħna konformi mal-*Bye-Law* li għandna), eċċ.

21. Nicholas Briffa talab il-*feedback* tal-KLM għas-suġġeriment li kien għamel biex jitpoġġa *shade* biex ma jiġix id-dawl tal-bozza tat-triq (tal-Korporazzjoni Enemalta) eżattament quddiem *CCTV Camera* ta' persuna privata fi Triq il-Qrendi. Noel Galea qal illi huwa infurmat illi x-*shades* huma kollha illegali, filwaqt li ġie osservat li din il-*CCTV Camera* mhix viżibbli mit-triq. Għal dan il-kliem, Nicholas Briffa qal li din tinsab moħbija, filwaqt li Noel Galea irrisponda illi suppost fejn ikun hemm *CCTV*, għandu jkun hemm tabella li tinforma lill-pubbliku b'dan kollu biex wieħed ma jinkriminax ruħu bla bżonn.

22. Nicholas Briffa talab li ssir *street name* taċ-ċeramika ta' Triq Baskal Xuereb għaliex dan inkiser. Is-segretarju eżekuttiv kien awtorizzat joħroġ *purchase order* ħalli tinħadem għand il-fuħħari. Noel Galea hawn qal li kien ġibed l-attenzjoni għalih ġimgħat qabel ukoll.

23. Il-laqgħa ntemmet fit-8:30pm u dik li jmiss se ssir nhar l-14 ta' Frar 2012 fis-6:00pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*13/ 02/ 2012 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |